**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Ottubru 2021**

**Rikors Numru: 315/2008 MLF**

**Alpha Briggs Mediterranean Limited**

**vs**

**SP & D Co. Ltd, Malcolm Pace u James Pace**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li permezz tieghu talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu solidament jew min minnhom is-somma ta' ghaxart elef erba' mija u tmienja u sebghin u hamsa u sebghin centezmu (€10,478.75) rapprezentanti prezz ta' xogholijiet ta' tindif ambjentali u servizzi ta' salvatagg mwettqa fuq inkarigu taghhom fuq il-bastiment MV Davinia u dan skond ftehim iffirmat fit-23 ta' Lulju 2008.

   Fir-rikors promotur is-socjeta' attrici ppremettiet li interpellati ghall-hlas, il-konvenuti ddikjaraw li l-kumpannija ma kellhiex assi biex thallas u fil-fatt ghadu ma sar ebda hlas. Dan minkejja li l-kumpanija tpoggiet fi stat ta' likwidazzjoni mill-intimati u giet iffirmata 'declaration of solvency'. Ghalhekk kellha issir il-kawza.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja ta’ Lulju 2008, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

2. Rat ir-risposta tal-konvenuti Malcolm Pace u James Pace f’isimhom propju fejn eccepew:

   i. Preliminarjament illi l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju peress li m’hemmx relazzjoni guridika bejn is-socjeta’ attrici u l-esponenti eccippjenti fil-kapacita’ taghhom personali stante li l-lancja MV Davinia mhiex proprjeta’ taghhom personali izda ta’ socjeta’;

   ii. Illi l-ftehim tat-23 ta’ Lulju 2008 sar mas-socjeta’ S P & D Company Limited, kif jidher mid-Dokument ABM1 ezibit mis-socjeta’ attrici stess anness mar-rikors;

   iii. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, t-talba attrici in kwantu hija diretta kontra l-esponenti personalment ma tistax treggi stante li l-esponenti qatt ma agixxew fil-kapacita’ taghhom personali izda bhala direttur u rapprezentant rispettivament u ghan-nom tas-socjeta’ S P & D Company Limited u kwindi personalment ma jistghu qatt jigu kkundannati responsabbli ghall-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici.

3. Rat ir-risposta tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

   i. It-talba kif dedotta hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

   ii. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici mhux dovut stante li huwa skorrett, zbaljat, ezagerat u eccessiv u bbazat fuq kwantita’ ta’ prodotti mhux uzati, uhud minnhom partikolarment mhux fil-kwantitajiet iffatturati u numru ta’ servizzi li ma nghatawx mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta.

4. Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament preseduta tat-3 ta’ Mejju 2010 li permezz tieghu giet ammessa eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti dwar il-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti. Rat ukoll is-sentenza parzjali moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-16 ta’ Frar 2011 li permezz taghha l-Qorti cahdet din l-eccezzjoni tal-

konvenuti u ordnat il-prosegwiment tal-kawza, bl-ispejjez li gew rizervati ghal gudizzju finali.[1]

5. Semghet ix-xhieda, rat id-dokument u l-atti kollha ipprezentati.

6. Rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti. Minkejja li s-socjeta attrici inghatat ukoll il-fakolta li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, hija ghazlet li tirrimetti ruhha ghall-provi.[2]

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

7. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Kmieni filghodu ta' nhar it-23 ta' Lulju 2008 l-Awtorita' Marittima ta' Malta giet informata mill-*Oil Pollution Response Module* (OPRM) li l-bastiment MV Lady Davinia kien ghereq fix-xatt ta' Ta' Sliema.[3] Dan il-bastiment kien jappartjeni lis-socjeta' konvenuta. Fil-passat il-bastiment kien jintuza sabiex jipprovdi servizzi turistici. Madwar sentejn qabel l-incident, dan il-bastiment ma kienx ghadu qieghed jintuza ghal dan l-iskop izda nzamm ormeggat fix-xatt ta' Ta' Sliema fejn ghereq.

ii. Fuq il-post marru diversi haddiema tal-Aworita' sabiex jikkontrollaw it-tixrid taz-zejt li kien hiereg mill-bastiment.[4] Fuq il-post kien mar ukoll il-konvenut James Pace li gie infurmat mill-haddiema tal-istess Awtorita' li jkun ahjar li jinhatar kuntrattur privat sabiex jitnaddaf it-tniggiz.

[1] Ara d-digriet tat-3 ta' Mejju 2010 a *fol.* 63 tal-process u s-sentenza parzjali tas-16 ta' Frar 2011 a *fol.* 92 tal-process.
[2] Ara verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2016 *a fol.* 2016 tal-process
[3] Ara l-Incident Report Form a *fol.* 187 tal-process.
[4] Ara x-xhieda ta' James Pace a *fol.* 151 tal-process u ta' Dr Malcolm Pace a *fol.* 155 tal-process.

iii. Irrizulta li s-socjeta' attrici giet mitluba tattendi fuq il-post tal-incident mill-impjegati tal-OPRM. Paul Pisani, direttur fi hdan is-socjeta' attrici, talab lill-konvenut James Pace sabiex qabel ma s-socjeta' attrici tibda bix-xogholijiet, huwa jiffirma ftehim b'numru ta' termini u kundizzjonijiet relatati mas-servizzi li kienet ser tipprovdi s-socjeta' attrici.[5] Peress li dak iz-zmien James Pace ma kellu ebda rwol fis-socjeta' konvenuta, huwa kkomunika ma' huh il-konvenut l-iehor Malcolm Pace li kien wiehed mid-diretturi tas-socjeta' konvenuta. Waqt din il-komunikazzjoni, il-konvenut Malcom Pace awtorizza lill-konvenut James Pace sabiex jiffirma dan il-ftehim ghan-nom tas-socjeta' konvenuta.[6]

iv. Sussegwentement is-socjeta' attrici bdiet bix-xogholijiet ta' tindif tat-tniggiz minn gol-bahar. Mill-*Incident Report* tal-Awtorita' jirrizulta li dawn ix-xogholijiet da parti tas-socjeta' attrici inbdew ghal habta tal-hdax ta' filghodu (11.00hrs) u tlestew ghal habta tad-disgha ta' filghaxija (21.00hrs). Minn dan ir-rapport jirrizulta wkoll li l-ammont ta' zejt li kien hareg mill-bastiment kien ta' circa 1.5 metri kubi.[7]

v. Fil-31 ta' Lulju 2008 is-socjeta' attrici harget fattura indirizzata lis-socjeta' konvenuta ghas-servizzi minnha rezi, liema fattura baqghet ma thallsitx u tifforma l-mertu ta' din il-kawza.[8]

vi. Fid-19 ta' Awwissu 2008, ir-Registratur tal-Kumpanniji gie infurmat mis-socjeta' konvenuta li fis-6 t'Awwissu 2008 ghaddiet rizoluzzjoni straordinarja ghax-xoljiment u konsegwenzjali stralc taghha, u li fl-istess data l-konvenut James Pace kien gie mahtur bhala stralcjarju tas-socjeta' konvenuta.[9] Fl-istess data ir-Registratur tal-Kumpanniji rcieva Dikjarazzjoni ta' Solvenza mid-diretturi tas-socjeta' konvenuta fejn iddikjaraw li wara stharrig shih fl-affarijiet tal-kumpanija kienu tal-fehma li s-socjeta' konvenuta tista' thallas id-djun taghha kollha f'perjodu ta' tnax-il xahar mid-data tax-xoljiment.[10]

---

[5] Ara x-xhieda ta' Paul Pisani a *fol.* 128 tal-process.
[6] Ara x-xhieda ta' James Pace a *fol.* 151 tal-process u l-ftehim datat 23 ta' Lulju 2008 a *fol.* 3 tal-process.
[7] Ara l-Incident Report Form a *fol.* 187 tal-process
[8] Ara l-fattura a fol. 21 tal-process.
[9] Ara l-avviz ta' rizoluzzjoni ghal xoljiment u stralc volontarju a *fol.* 25 u *fol.*119 tal-process u l-avviz ta' hatra ta' stralcjarju a *fol.* 27 u *fol.* 116 tal-process.
[10] Ara d-dikjarazzjoni ta' solvenza a *fol.* 28 u *fol.*117 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Permezz ta' din il-kawza, is-socjeta' attrici qeghda titlob il-hlas ghax-xogholijiet ta' tindif ambjentali u servizzi ta' salvatagg mwettqa skond il-ftehim iffirmat fit-23 ta' Lulju 2008.

9. Fir-risposta taghhom, il-konvenuti Malcolm Pace u James Pace eccepew li huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante nuqqas ta' relazzjoni guridika mas-socjeta' konvenuta, u dan billi l-ftehim tat-23 ta' Lulju 2008 kien sar bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta biss, u li huma ma agixxewx fil-kwalita' personali taghhom izda fil-kwalita' ta' direttur u rapprezentant tas-socjeta' konvenuta.

10. Il-Qorti ser tibda billi l-ewwel tikkunsidra l-pretensjoni tas-socjeta attrici kontra is-socjeta konvenuta, stante li jekk din tirrizulta infondata, ma jkollhix ghalfejn tinoltra ruhha fl-eccezzjoni tal-konvenuti Malcolm Pace u James Pace.

*Il-Mertu*

11. L-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ghat-talba attrici huma fil-mertu. Bl-ewwel eccezzjoni taghha, s-socjeta' konvenuta tecepixxi li t-talba kif dedotta hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Bit-tieni eccezzjoni imbaghad is-socjeta' konvenuta tecepixxi li l-ammont mitlub mhuwiex dovut ghaliex huwa skorrett, zbaljat, ezagerat u eccessiv. Mix-xhieda moghtija minn Malcolm Pace, li meta sehh l-akkadut in kwistjoni kien direttur tas-socjeta' konvenuta, jirrizulta li s-socjeta' konvenuta tibbaza l-kontestazzjoni taghha ghat-talba attrici primarjament fuq zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok, ghaliex targumenta li parti mill-ammont pretiz mis-socjeta' attrici jinkludi servizzi li ma kienux indikati fil-ftehim tat-23 ta' Lulju 2008. Fit-tieni lok, is-socjeta' konvenuta tallega li l-kwantitajiet u l-ammonti fatturati huma eccessivi stante li l-ammont ta' tniggis li kien hemm fil-bahar kien wiehed limitat hafna peress li l-bastiment kien ilu ma jintuza u kien tbattal miz-zejt u mill-*fuel*.[11]

[11] Ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Dr Malcolm Pace a *fol.* 155 tal-process.

12. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjeta' konvenuta tispjega li fid-dokument anness mal-fattura mahruga mis-socjeta' attrici hemm erba' entrati li ma kienux inkluzi fit-tariffa annessa mal-ftehim tat-23 ta' Lulju 2008, tant li minn dan id-dokument ma jirrizultax is-*service code number* taghhom. Tghid li ghalhekk dawn l-erba' entrati, u cioe': i. €600 (RIB "ODIN"), ii. €490 Flexiboom 140m (stand by charge only), iii. €100 (*waste bags and other consumables*), u iv. €100 (*waste disposal*), ghandhom jitnaqqsu mill-ammont dovut lis-socjeta' attrici.

13. Il-Qorti wara li ezaminat kemm id-dokument anness mal-fattura[12] tas-socjeta' attrici u anke t-tariffi annessi mal-ftehim tat-23 ta' Lulju 2008, tqis li ghalkemm huwa minnu li f'dan id-dokument ma giex indikat is-*service code number* ghal dawn l-entrati, dan ma jfissirx li dawn is-servizzi ma gewx ipprovduti mis-socjeta' attrici. Mill-atti processwali jirrizulta li dak inhar stess li twettqu x-xogholijiet, giet iffirmata *Delivery and Acceptance Note*[13] li fiha ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ikkonferma li s-socjeta' attrici kienet provdiet numru ta' servizzi fosthom 140m Boom u 1 Boar (RIB). Ma jirrizultax li s-socjeta' konvenuta qeghda tikkontesta l-awtenticita' tal-firma tar-rapprezentant taghha fuq din id-*Delivery and Acceptance Note*. Ghalhekk l-argument tas-socjeta' konvenuta li hi ma ghandiex tkun tenuta thallas ghal dawn iz-zewg entrati certament li ma jregix, meqjus il-fatt li bil-firma tieghu fuq dan id-dokument kien ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta stess li kkonferma li dawn is-servizzi gew fil-fatt provduti mis-socjeta' attrici.

14. Fir-rigward imbaghad taz-zewg entrati l-ohra u cioe' €100 (*waste bags and other consumables*) u €100 (*waste disposal*) ma jirrizultax kontestat li kienet is-socjeta' konvenuta li fil-fatt gabret iz-zejt mill-bahar u ddisponiet minnu. Il-Qorti hija tal-kosiderata fehma li, ghalkemm ma kienux jifformaw parti mill-lista tat-tariffi annessa mal-ftehim, l-ammonti pretizi mis-socjeta' attrici ghal dawn iz-zewg entrati huma ragonevoli u konformi max-xogholijiet imwettqa minnha.

15. Fir-rigward imbaghad tal-allegazzjoni tas-socjeta' konvenuta li l-kwantitajiet u l-ammonti fatturati huma eccessivi, il-Qorti tqis illi s-socjeta' konvenuta ma ressqet l-

[12] Ara f*ol*. 22 tal-process.
[13] Ara d-Delivery and Acceptance Note a fol. 24 tal-process.

ebda prova sabiex tissosstanzja din l-allegazzjonijiet taghha. Ma giet prodotta l-ebda prova teknika li turi li kien hemm aktar haddiema milli kien mehtieg. Ghal kuntrarju mid-*Delivery and Acceptance Note* li saret referenza ghaliha fil-paragrafi precedenti, jirrizulta li r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta kien ikkonferma li fuq il-post kien hemm fil-fatt hames haddiema tas-socjeta' konvenuta.

16. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-ammont ta' zejt fil-bahar wara l-gharqa tal-bastiment tas-socjeta' konvenuta kien wiehed konsiderevoli. Francis Albani, Direttur fid-Dipartiment tat-Turizmu, xehed li huwa kien mar fuq il-post u ddeskriva l-incident hekk: "*Niftakar li rajt li l-ispill kienet daqsxejn kbira u ghalhekk ma setghux ikomplu n-nies li kien hemm diga' prezenti wahedhom. Niftakar li l-oil spill kienet infirxet 'l gewwa lejn Manuel Island. Hawnhekk nixtieq nghid li l-oil spill kienet quddiem il-knisja tan-Nazzarenu, f'Tigne pero' firxet gewwa tas-Sliema Creek u hawnhekk 'l gewwa sewwa pero ma waslitx sal-ponta ta' Manuel Island ... ... il-clean up kollu kemm hu, kien sar mis-socjeta' attrici*" [14]

17. Inoltre, mill-*Incident Report* tal-Awtorita' jirrizultaw kemm l-ammont ta' zejt li kien hareg mill-bastiment u anke n-numru ta' sieghat li damu ghaddejjin ix-xogholijiet da parti tas-socjeta' attrici.[15] Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjeta' konvenuta ghamlet diversi allegazzjonijiet dwar il-korrettezza tal-informazzjoni kontenuta f'dan ir-rapport, principalment ibbazati fuq il-fatt li d-data tal-incident indikata fir-rapport hija wahda skorretta[16] u li meta xehed r-rapprezentant tad-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting f'dawn il-proceduri stqarr li ma kienux instabu r-rapporti dwar l-ispezzjonijiet li kienu jsiru fuq il-bastiment qabel l-incident. Din il-Qorti filwaqt li tiddeplora l-fatt li dokumenti mizmuma minn Awtorita' pubblika ma jinstabux, tqis li dan il-fatt wahdu minghajr ebda evidenza ohra ma jwassalx lil din il-Qorti biex tiskarta l-informazzjoni kontenuta f'dan ir-rapport.

18. Ghalhekk fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa wiehed misthoqq, u dan tenut kont tal-fatt li t-tniggiz kien wiehed konsiderevoli u li l-ammonti pretizi mis-socjeta' attrici huma konformi mas-servizzi li effettivament

[14] Ara x-xhieda ta' Francis Albani a *fol.* 139 tal-process.
[15] Ara l-*Incident Report Form* a *fol.* 187 tal-process
[16] Id-data indikata fir-rapport hija 24 ta' Lulju 2008 mentri l-incident sehh fit-23 ta' Lulju 2008.

gew provduti minnha lis-socjeta' konvenuta u mat-tariffa annesa mal-ftehim tat-23 ta' Lulju 2008.

*L-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Eccezzjoni tal-konvenuti Malcolm Pace u James Pace – Nuqqas ta' Relazzjoni Guridika*

19. Il-bazi ta' dawn it-tlett eccezzjonijiet hija li l-konvenuti Malcolm Pace u James Pace jsostnu illi li l-bastiment MV Lady Davinia ma kienx proprjeta' taghhom izda tas-socjeta' konvenuta, tant li kienet is-socjeta' konvenuta li dahlet fil-ftehim tat-23 ta' Lulju 2008 li jifforma l-bazi tal-azzjoni attrici. Dawn iz-zewg konvenuti jinsistu li huma ma' agixxewx fil-kapacitajiet personali taghhom izda ghan-nom tas-socjeta' konvenuta.

20. Mill-provi kollha prodotti rrizulta li l-konvenuti Pace qatt ma dahlu f'relazzjoni legali ta' natura kontrattwali mas-socjeta attrici. Ghalkemm kien il-konvenut James Pace li fit-23 ta' Lulju 2008 talab lis-socjeta' attrici sabiex tipprovdi s-servizzi taghha u kien l-istess konvenut li ffirma r-*Request for Marine Pollution Response,* mill-provi prodotti huwa evidenti li dan ghamlu ghan-nom tas-socjeta' konvenuta. Ghalhekk kienet is-socjeta' konvenuta li dahlet f'relazzjoni kontrattwali mas-socjeta attrici. In oltre mill-provi jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet konsapevoli ta' dan il-fatt tant li l-fattura relattiva inharget lis-socjeta' konvenuta, u mhux lill-konvenuti personalment, u dan juri li lanqas is-socjeta attrici ma qieset li l-konvenuti Pace kienu responsabbli fil-konfront taghha *ex contracto.*

21. Pero l-fatt li l-konvenuti Pace m'humiex responsabbli *ex contracto* ghall-hlas tal-ammont dovut lis-socjeta attrici, ma jfissirx necessarjament li huma m'ghandhom l-ebda forma ohra ta' relazzjoni guridika mas-socjeta attrici, u li ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, kif qieghdin jippretendu dawn il-konvenuti.

22. Fir-rikors promotur ta' dawn il-proceduri, is-socjeta attrici qed tibbaza t-talba taghha ukoll fuq il-fatt li meta hija interpellat lill-konvenuti biex ihallsu, huma iddikjaraw li is-socjeta konvenuta ma kellhix assi biex thallas. Pero minkejja dan, is-socjeta konvenuta tpoggiet fi stat ta' likwidazzjoni mill-konvenuti u giet iffirmata dikjarazzjoni ta' solvenza. Is-socjeta rikorrenti ipprezentat id-dokumenti relattivi mar-rikors promotur,

u l-istess dokumenti regghu gewipprezenati minn Claire Camilleri in rapprezentanza tal-Malta Financial Services Authority fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2011.

23. Fil-fatt mill-atti processwali jirrizulta li:

(i) L-incident sehh fit-23 ta' Lulju 2008, u s-socjeta attrici ipprestat is-servizzi taghha fl-istess gurnata.

(ii) Is-socjeta attrici harget il-fattura indirizzata lis-socjeta konvenuta ghas-servizzi taghha fil-31 ta' Lulju 2008.

(iii) Fis-6 ta' Awwissu 2008, inzammet laqgha generali straordinarja tas-socjeta konvenuta, li ghaliha attenda biss il-konvenut Malcolm Pace, li ghandu 499 minn 500 ishma fl-istess socjeta.[17] F'din il-laqgha, il-konvenut Malcolm Pace, bhala l-azzjonist li kellu l-maggoranza tal-ishma, ghadda rizoluzzjoni ghax-xoljiment immedjat tas-socjeta u hatar lill-konvenut James Pace bhala stralcarju tas-socjeta.[18] Inoltre, fl-istess data, u cioe fis-6 t'Awwissu 2008, tnejn mit-tlett diretturi tas-socjeta konvenuta,[19] il-konvenut Malcolm Pace u certa Suzanne Pace iddikjaraw li wara stharrig shih fl-affarijiet tal-kumpanija kienu tal-fehma li s-socjeta konvenuta tista' thallas id-djun taghha kollha f'perjodu ta' tnax-il xahar mid-data tax-xoljiment, u annettew maghha dikjarazzjoni tal-attiv u l-passiv tas-socjeta sas-6 ta' Awwissu 2008, iffirmata minnhom, u approvata mill-awditur. F'din id-dikjarazzjoni tal-attiv u l-passiv tas-socjeta, il-pretensjoni tas-socjeta attrici ghal hlas ta' €10,479, giet indikata bhala *contingent liability*.[20]

(iv) Dawn l-atti gew notifikati lir-Registratur tal-Kumpanija fid-19 t'Awwissu 2008 mill-konvenut James Pace, bhala stralcarju, u maghhom annetta wkoll sunt tal-i*statement of affairs* tas-socjeta konvenuta sas-6 ta' Awwissu 2008 (mehud mid-dikjarazzjoni tal-attiv u l-passiv tas-socjeta), iffirmata minnu, minn fejn jirrizulta li s-socjeta konvenuta ma kellhiex assi, u kellha €192 dejn mal-kredituri u €1165 dejn passiv attribwibbli lill-azzjonisti - total ta' €1357 dejn.

[17] Ara *fol.* 125 tal-process
[18] Ara *fol.* 120 tal-process
[19] Ara *fol.* 110 tal-process
[20] Ara *fol.* 115 tal-process

F'dan is-sunt, il-pretensjoni ghall-hlas tas-socjeta konvenuta ma issemmiet imkien.[21]

(v) Is-socjeta attrici intavolat il-proceduri odjerni fis-16 ta' Settembru 2008.

(vi) Fis-26 ta' Marzu 2009, il-konvenut James Pace, fil-kapacita tieghu ta' stralcjarju, intavola fir-Registru tal-Kumpaniji dikjarazzjoni dwar l-istralc tas-socjeta konvenuta, iffirmat minnu u datata 7 ta' Frar 2009.[22] Minn din id-dikjarazzjoni jirrizulta li s-sitwazzjoni finanzjarja tas-socjeta konvenuta baqghet l-istess kif kienet fis-6 ta' Awwissu 2008. Pero, il-konvenut James Pace iddikjara li r-raguni ghaliex is-socjeta konvenuta kienet ghadha ma gietx stralcjata kienet ghax kienet ghada trid tissottometti l-*income tax return*, u li s-socjeta kellha tigi stralcjata fi zmien sena.

(vii) Fis-6 ta' Lulju 2009, il-konvenut Malcolm Pace gie notifikat bl-avviz promotur ta' dawn il-proceduri.[23]

(viii) Fis-17 ta' Lulju 2009, il-konvenut James Pace informa lir-Registratur tal-Kumpaniji li hu kien irrizenja minn stralcarju tas-socjeta konvenuta b'effett mill-20 *[sic]* ta' Lulju 2009.

(ix) Ghalkemm il-konvenut James Pace u s-socjeta konvenuta ma gewx formalment notifikati b'dawn il-proceduri, fit-2 ta' Novembru 2009, il-konvenut James Pace ta ruhu notifikat bihom, stante li ipprezenta risposta kongunta ma' huh Malcolm Pace *"f'isimhom proprju u tas-socjeta konvenuta S P & D Company Limited kif rapprezentata minn Dr James Pace fil-capacita'* [sic] *tieghu bhala stralcarju ta' l-istess socjeta konvenuta."*[24]

(x) Claire Camilleri in rapprezentanza tal-Malta Financial Services Authority, xehdet li wara li irrizenja James Pace minn stralcatarju sa dak in-nhar li tat ix-xhieda taghha, cioe fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2011, ma gie mahtur l-ebda

---

[21] Ara *fol.* 25 u 26 tal-process
[22] Ara *fol.* 106 tal-process
[23] Ara notifika *a fol.* 44 *tergo*
[24] Ara risposta tal-konvenuti *a fol.* 52 tal-process.

stralcarju iehor, u ezebiet kopja awtentikata tal-file relattiv ghas-socjeta konvenuta mar-Registratur tal-Kumpaniji.[25]

24. Il-konvenuti Pace ma ikkontestaw xejn minn dawn il-fatti, u lanqas ikkummentaw fuqhom fin-nota ta' sottomissjonijiet finali taghhom. Huwa relevanti wkoll li fin-nota ta' sottomissjonijiet finali taghhom, iffirmata mill-konvenut Malcolm Pace, bhala l-avukat difensur taz-zewg konvenuti l-ohra, issottomettew b'mod sussidjarju, li *"l-ammont li jista' ragonevolment ikun dovut mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici ghandu jkun fl-ammont totali massimu inkluz Vat ta' mhux aktar minn €3542.36).*

25. Paul Pisani, direttur tas-socjeta attrici, xehed li meta hu kien avvicina personalment lill-konvenut Malcolm Pace biex ihallsu, *"l-ewwel kien qalli li l-kumpanija m'ghandhiex flus u li hu personalment ma setax ihallashom minhabba xi affarijiet personali. ... ... Ippruvajt kemm-il darba nasal ghal arrangament rigward il-hlas, anke ssuggerejt zmien ghal hlas izda ma gara xejn. ... ... Niftakar li kien hemm suggeriment illi jiena niehu l-vapur in kwistjoni."*[26] Din ix-xhieda ta' Pisani ma giet bl-ebda mod kontradetta.

26. Apparti l-mod suspettuz kif il-konvenut Malcolm Pace ha d-decizjoni li jxolji volontarjament is-socjeta konvenuta, ftit jiem wara li gie interpellat biex ihallas mis-socjeta attrici, din il-Qorti m'ghandhix dubbju li meta Malcolm Pace, li huwa avukat, ghadda r-rizoluzzjoni biex ixolji b'mod volontarju s-socjeta konvenuta, hu kien konsapevoli tal-fatt li mhux biss is-socjeta konvenuta kellha dejn ta' €192 ma' kredituri ohra, apparti id-dejn dovut lill-azzjonisti, izda fl-ahjar ipotezi ghas-socjeta konvenuta, hija kellha thallas lis-socjeta attrici tal-inqas l-ammont ta' €3542.36, u dan meta s-socjeta attrici ma kellha l-ebda assi, u ghalhekk kienet fl-impossibilita li thallas lill-kredituri taghha. Inoltre, fil-kapacita tieghu ta' direttur, huwa kien wiehed miz-zewg diretturi li iffirma d-dikjarazzjoni ta' solvenza, meta kien ben konsapevoli li s-socjeta konvenuta ma kinietx f'posizzjoni finanzjarja li thallas lill-kredituri taghha. Ai termini tal-Artikolu 268(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta), direttur li jiffirma dikjarazzjoni ta' solvenza mingħajr ma jkollu raġunijiet xierqa għall-fehma li l-kumpanija tkun tista' tħallas id-dejn kollu tagħha fiż-żmien speċifikat fid-dikjarazzjoni ikun ħati ta' reat.

[25] Ara xhieda ta' Claire Camilleri *fol.* 100 tal-process
[26] Ara xhieda ta' Paul Pisani *a fol.* 129 tal-process.

27. Min-naha l-ohra l-konvenut James Pace, bhala stralcarju tas-socjeta konvenuta, iffirma dikjarazzjonijiet dwar l-istat finanzjarju tas-socjeta konvenuta, kemm fis-sena 2008 kif ukoll fis-sena 2009, minghajr ma ghamel riferenza ghall-pretensjoni tas-socjeta attrici kontra s-socjeta konvenuta, li mhux biss kienet tirrizulta bhala *contingent liability* fl-*audited accounts* tas-socjeta konvenuta sad-data li fiha giet xolta, pero l-konvenut James Pace certament kien jaf ukoll personalment dwar din il-pretensjoni, stante li kien hu bhala r-rapprezentant awtorizzat tas-socjeta konvenuta li talab is-servizzi tas-socjeta attrici, u iffirma s-servizzi li gew rezi.

28. Inoltre, il-konvenut James Pace fil-kapacita tieghu ta' stralcjarju tas-socjeta konvenuta ipprezenta r-risposta tas-socjeta konvenuta f'dawn il-proceduri, meta fid-data li fiha giet ipprezentata din ir-risposta, u cioe fit-2 ta' Novembru 2009, hu ma kienx ghadu iktar stralcarju ta' din is-socjeta, stante li irrizenja minn stralcjarju ta' din is-socjeta b'effett mill-20 ta' Lulju 2009, u kien diga informa lir-Registratur tal-Kumpaniji b'dan il-fatt. Din il-Qorti m'ghandhix l-icken dubbju li m'hix ko-incidenza li l-konvenut James Pace irrizenja minn stralcjarju tas-socjeta konvenuta, ftit granet biss wara li huh Malcolm Pace gie formalment notifikat b'dawn il-proceduri.

29. Fil-ktieb tieghu **Principles of Maltese Company Law**[27], il-**Prof. Andrew Muscat** jghid hekk:
*"Both The English and the Maltese courts have not hesitated to lift the corporate veil in circumstances where the corporate form has been used for a fraudulent or improper purpose, including its use to evade a contractual or other legal obligation. As happens with other judicial inroads, different terminology is used to describe the lifting of veil in these circumstances. Terms such as "fraud", "improper conduct", "the abuse of the corporate form for an unlawful or improper purpose", "evasion of obligations imposed by an unlawful or improper purpose", "evasion of obligations imposed by law" and "deliberate evasion of a contractual obligation" have all been used."*

30. Fost is-sentenzi li l-**Prof. Muscat** jiccita, forsi l-iktar wahda analoga ghal kaz odjern hija dik s-sentenza fl-ismijiet **Maltacom p.l.c. vs Mark Gaffarena**, deċiża mill-Qorti

[27] It-tieni edizzjoni 2019 Volum 1 pagna 439.

tal-Appell (Inferjuri),[28] fit-28 ta' Novembru, 2008, fejn Mark Gaffarena bħala direttur ta' kumpannija wara li kien iddikjara formalment lir-Registratur tal-Kumpaniji li l-kumpanija tiegħu kienet f'pożizzjoni li tħallas id-djun tagħha – bhalma ghamel il-konvenut Malcolm Pace fil-kaz odjern meta iffirma id-dikjarazzjoni ta' solvenza - baqa' ma ħallasx lis-soċjetà attriċi, li aġixxiet kontra ż-żewġ diretturi.[29] Il-Qorti tal-Appell qablet mar-ragunament segwenti tal-Qorti tal-Magistrati (Malta)[30]:

*"Mark Gaffarena però ried jaħbi wara l-"corporate veil" tas-socjetà biex igħid li mhux responsabbli, iżda biss is-soċjetà Dacia Motors Limited. Il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut Mark Gaffarena ma jistax jargumenta b'dan il-mod. Bħala direttur tas-soċjetà kien responsabbli versu l-kredituri tal-istess soċjetà u kellu jkun fid-dmir li jpoġġi stampa ċara tal-pożizzjoni tal-kumpanija ħalli l-kredituri jkunu jistgħu jieħdu deċizjonijiet infurmati dwar l-interessi tagħhom. Mhux l-ewwel darba li l-Qrati tagħna ddeċidew illi kellhom id-diskrezzjoni li jneħħu l-"corporate veil" tas-socjetà f'każi ta' abbużi biex isalvagwardjaw id-drittijiet tal-kredituri (ara deċiżjoni mogħtija fit-12 ta' Ottubru, 2007 fil-kawża fl-ismijiet* Andrew Borg Cardona noe vs. Price Club Holdings Limited, *kif ukoll sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ottubru, 2002 fil-każ* Supermarkets (1960) Limited vs. Le Cram Developments Company Limited)*.*

*Veru illi f'dan l-istadju ma ġiex allegat illi kien hemm "fraudulent trading" da parti tal-konvenuti, però żgur irriżulta abbuż da parti tagħhom biex ma jiġux imħallsa l-kredituri. Il-Qorti ssibha ferm stramba d-dikjarazzjoni tal-konvenut Gaffarena meta filwaqt li qed jagħraf il-firma tiegħu, ma jafx għal xiex qed jiffirma. Dana żgur li mhuwiex responsabbiltà ta' direttur ta' kumpanija. Dana mhuwiex qiegħed hemmhekk sabiex jieħu l-flus biss u jaħrab mir-responsabbiltà hekk kif jibda l-maltemp. Bħala direttur dana għandu l-obbligu li jkun jaf dejjem u fi kwalunkwe ħin il-pożizzjoni finanzjarja tal-kumpanija illi huwa qed imexxi, u jekk ma jkunx jafha jkun qed jonqos mir-responsabbiltà tiegħu u ma jistax iħalli f'idejn l-accountants jew persuni oħra biex imexxu l-kumpanija u mbagħad igħid illi ma kienx jaf x'kien qed isir. Huwa obbligu u d-dover ta' kull direttur ta' kumpanija anke jekk mhux eżekuttiv li jassigura li l-*

[28] *Per* Imhallef Philip Sciberras
[29] Ara *op. cit.* pagna 459.
[30] *Per* Magistrat Michael Mallia

*kumpanija qed titmexxa b'mod onest, skont il-liġi u jkun jaf is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija f'kull ħin.*

*... ... La darba Gaffarena qua direttur iddikjara li l-kumpanija kellha assi bizzejjed sabiex taghmel tajjeb ghal dawn id-djun u li dawna kienu ser jithallsu fi zmien tnax-il xahar, allura dik id-dikjarazzjoni torbtu personalment vis-a-vis il-kredituri, u jistghu allura jfittxuh personalment jekk huwa jonqos mill-obbligazzjonijiet tieghu. Ghalhekk il-Qorti tara illi l-agir ta' Gaffarena kien in mala fede u bhala tali allura ma setghax jibbenefika mill-principju ta' personalita' guridika separata mill-kumpanija. Dana qalitu l-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Imhallef Alberto Guzeppe Magri et vs Euro Flott Russian International Airlines et fl-1 ta' Lulju 2005."*

31. Dan l-insenjament japplika *mutatis mutandis* ghal kaz odjern. La darba il-konvenut Malcolm Pace bhala direttur tas-socjeta konvenuta iffirma id-dikjarazzjoni ta' solvenza, allura dik id-dikjarazzjoni torbtu personalment vis-a-vis il-kredituri, u jistghu allura jfittxuh personalment jekk huwa jonqos mill-obbligazzjonijiet tieghu.

32. Fir-rigward tal-konvenut James Pace, ghalkemm dan ma iffirmax id-dikjarazzjoni ta' solvenza, hu kien l-istralcarju tas-socjeta konvenuta sa Lulju 2009. Fl-*istatement of affairs* tas-socjeta konvenuta li hu iffirma fis-7 t'Awwissu 2008, u li ipprezenta lir-Registratur tal-Kumpaniji fid-19 ta' Awwissu 2008, u fid-dikjarazzjoni li huwa ghamel lir-Registratur tal-Kumpaniji datata 7 ta' Frar 2009, u ipprezentata fis-26 ta' Marzu 2009, huwa bl-ebda mod ma irrifera ghall-pretensjoni tas-socjeta attrici, meta mhux biss din il-pretensjoni kienet tirrizulta bhala *contingent liability* fl-*audited accounts* tas-socjeta konvenuta tas-6 t'Awwissu 2008, izda wkoll meta din il-Qorti m'ghandhix l-icken dubbju li hu personali kien konsapevoli ta' din il-pretensjoni – anke jekk ma kienx ghadu gie formalment notifikat b'dawn il-proceduri – stante li kien hu - bhala mandatarju specjali tas-socjeta konvenuta - li iffirma l-ftehim *de quo* mas-socjeta attrici.

33. Fis-sentenza **Maria Abela nominee vs Emmanuel Cachia et** deciza fl-20 ta' Marzu 2003, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[31] irriteniet hekk:

[31] *Per* Imhallef Tonio Mallia

*"F'dan il-kaz jirrizulta li kien hemm negligenza grossolana, jekk mhux frodi, meta ntbaghtet l-ittra tad-29 ta' Jannar, 1977, lir-Registratur tal-Kumpaniji; f'dik l-ittra s-socjeta' Cachia & Bonnici iddikjarat li d-djun kollha li kellha vis-à vis terzi "have been settled", u dan meta zgur kienet taf li kontra taghha kien ghad hemm pendenti kawza ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni. L-iskop ta' likwidazzjoni ta' socjeta' hija biex jithallsu d-debiti taghha u, dak li jibqa' jinqasam bejn is-socji skond is-sehem rispettiv taghhom. Kumpanija ma tistax taghlaq il-kotba taghha meta jkun hemm krediti jew debiti pendenti, u qabel ma dawn jigu determinati, l-process ta' likwidazzjoni ma jistax jigi konkluz u, kwindi, t-thassir tal-kumpanija ma jistax jigi registrat. Jekk socjeta' minhabba diffikultajiet interni, ma tkunx tista' tkompli tinnegozja, tista' titpogga fi stat ta' likwidazzjoni, u jinhatar likwidatur biex dan jara li l-pendenzi tal-istess kumpanija jigu settiljati. … … Ikun facli ghal-kumpanija li tehles mir-reponsabilitajiet taghha billi tfittex it-thassir taghha minn fuq ir-registru tal-kumpanija fuq il-bazi li, minhabba diffikultajiet interni, ma setghetx tkompli topera. … …*

*Kif inghad, dan mhux kaz fejn is-socjeta' u s-socji ma kienux konxji tal-pretensjoni tal-atturi (fejn, allura, is-sitwazzjoni, forsi, tista' tkun mod iehor), izda dan hu kaz fejn is-socji kienu jafu b'kawza pendenti kontra s-socjeta', izda, cio nonostante, inharget dikjarazzjoni li d-djun kollha gew determinati, u intalbet it-thassir tas-socjeta' minn fuq ir-registru. Dan hu kollu agir illegali u mehud b'non kuranza ghal-interessi tat-terzi."*

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti hija tal-opinjoni illi l-agir tal-konvenuti ahwa Pace – wiehed bhala socju u direttur u l-iehor bhala stralcatarju - kien in mala fede, intiz biex, anke jekk is-socjeta attrici jirnexxielha tottjeni rikonexximent gudizzjarju tal-pretensjoni taghha kontra s-socjeta konvenuta, hija ma tkunx tista' tenforza s-sentenza li tottjeni. Ghaldaqstant, kuntrarjament ghal dak li qed jeccepixxu il-konvenuti ahwa Pace, huma personalment ghandhom relazzjoni guridika mas-socjeta attrici, u din ir-relazzjoni twieldet b'rizultat ta' l-agir illecitu ta' l-istess zewg konvenuti di fronte ghas-socjeta attrici. Konsegwentement huma ma ghandhomx jibbenefikaw mill-principju ta' personalita' guridika separata mill-kumpanija, u huma responsabbli personalment *ex delicto* u *in solidum* versu s-socjeta attrici ghad-dejn tas-socjeta konvenuta.

**Konkluzjoni**

34. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti Malcolm Pace u James Pace fil-kapacita' personali taghhom;

2. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta;

3. Tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu *in solidum* lis-socjeta' attrici is-somma ta' ghaxart elef erba' mija u tmienja u sebghin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€10,478.75), bl-imghaxijiet kummercjali mill-31 ta' Lulju 2008, id-data tal-fattura, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluz dawk tas-sentenza preliminari tas-16 ta' Frar 2011, moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, ghandhom jigu subiti mill-konvenuti *in solidum.*

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**